A.L. 153 ta' l-2009

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

L-ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi Skedati u Mhux Skedati tat-Trasport Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u ta' l-artikolu 33 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi Skedati u Mhux Skedati tat-Trasport Pubbliku, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1997 dwar Servizzi Skedati u Mhux Skedati tat-Trasport Pubbliku hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 242 ta' l-1997.

Emenda għal-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-titolu ta' regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, u kull fejn jidher dan it-titolu l-kliem "jew Mhux Skedati" għandhom jitħassru.

Emenda għal-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. F'regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, id-definizzjonijiet ta' "*motor coach*", "*motor minibus* għat-trasport pubbliku" u "korp parastatali "għandhom jiġu mħassra.

Żjieda ta' regolament 8 ġdid għar-regolamenti prinċipali.

4. Immedjatament wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidaħħal dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Tmiem ta' l-applikabilità tar-regolamenti 5, 6 u 7 tar-regolamenti prinċipali.

8. In segwitu għall-iffinalizzar tar-riforma dwar is-servizz skedat, regolamenti 5, 6 u 7 ta' dawn ir-regolamenti ma jibqgħux japplikaw minn dik id-data li tiġi determinata permezz ta' Ordni tal-Ministru pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.".